

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Settembru 2008**  
— **Górażdże Cement vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-193/07) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal annullament — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Pjan nazzjonali tal-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet għall-Polonja għall-perijodu mill-2008 sal-2012 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet taħt ċerti kundizzjonijiet — Kompetenza tal-Istati Membri fit-tqassim individwali tal-kwoti ta' emissjonijiet — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà”)*

(2008/C 301/60)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Górażdże Cement S.A. (Chorula, il-Polonja) (rappreżentanti: P. Muñiz, avukat, u R. Forbes, solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u D. Lawunmi, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2007) 1295 finali, tas-26 ta' Marzu 2007, dwar il-pjan nazzjonali tal-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mir-Repubblika tal-Polonja għall-perijodu mill-2008 sal-2012, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva [tal-Kunsill] 96/61/KE (ĠU L 275, p. 32).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Górażdże Cement għandha tbatl l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 170, 21.7.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Settembru 2008**  
— **Lafarge Cement vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-195/07) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal annullament — Direttiva 2003/87/KE — Sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet għall-Polonja għall-perijodu ta' bejn l-2008 u l-2012 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet bla ħsara għal ċerti kundizzjonijiet — Diskrezzjoni tal-Istati Membri fit-tqassim individwali tal-kwoti ta' emissjonijiet — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà”)*

(2008/C 301/61)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Lafarge Cement S.A. (Malogoszcz, il-Polonja) (rappreżentanti: P.K. Rosiak u F. Puel, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: U. Wölker u K. Herrmann, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2007) finali tas-26 ta' Marzu 2007, dwar il-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mill-Polonja għall-perijodu ta' bejn l-2008 u l-2012, skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, p. 32).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Lafarge Cement S.A. għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 170, 21.7.2007.